Australian Government

Services Australia

# Australian Pension News

Ħarġa 47

## L-aċċessjar tal-kont tiegħek onlajn ta' Centrelink billi tuża myGov

myGov hu mod sempliċi u sigur biex taċċessja firxa ta' servizzi onlajn tal-gvern f'post wieħed. Jekk tuża myGov dan ser jiffrankalek il-ħin u tista' ma jkollokx bżonn iċċemplilna.

Taf li tista' toħloq kont myGov allavolja tgħix barra l-Awstralja? Biex tillinkja l-kont tiegħek onlajn ta' Centrelink ma' myGov int normalment ikollok bżonn prova Awstraljana tal-identità bħal ngħidu aħna l-passaport Awstraljan. Jekk m'għandekx id-dokumenti meħtieġa u tgħix barra l-Awstralja, int tista' ċċemplilna (ara paġna 4) u aħna ser ngħinuk tillinkja l-kont tiegħek onlajn ta' Centrelink ma' myGov.

Int tista' tikseb aktar tagħrif dwar myGov billi tmur f' **servicesaustralia.gov.au/mygov**



## Formola tal-Proof of Life

Jekk għandek aktar minn 80 u tgħix barra l-Awstralja int għandek mnejn teħtieġ timla l-formola Proof of Life. Aħna nistgħu nibgħatulek il-formola Proof of Life jekk int tirċievi wieħed mill-pagamenti li ġejjin:

- Age Pension
- Disability Support Pension
- Carer Payment.

Jekk nibgħatulek il-formola Proof of Life, int teħtieġ tagħmel dak kollu li ġej:

- timla l-formola
- tmur, int stess, għand ċertifikatur awtorizzat hekk kif inhu illistjat fuq il-formola u tara li jiffirmaha
- ibgħatilna lura l-formola mhux aktar tard mid-data dovuta, inkella l-pagament tiegħek għandu mnejn jitwaqqaf.

Jekk ma tistax tibgħat lura l-formola tiegħek sad-data dovuta, informana inkella l-pagament tiegħek jista' jieqaf. Imbagħad aħna ser nibgħatulek ittra b'data ġdida dovuta biex nagħtuk aktar żmien biex timla l-formola.

## Żomm kuntatt magħna fuq il-medja soċjali

Aqra s-Seniors Update fuq il-Facebook biex tibqa'aġġornat mal-aħħar aħbarijiet u t-tagħrif tagħna. Seniors Update jipprovdi tagħrif għall-anzjani li jgħixu fl- u barra l-Awstralja jew qed jgħixu barra. Jekk għandek xi mistoqsija ġenerali, int tista' tistaqsina fuq il-medja soċjali u wieħed mill-membri tat-tim tagħna ser iwieġeb. Ftakar qatt m'għandek taqsam kwalunkwe tagħrif personali fuq il-medja soċjali.

Mur fuq **servicesaustralia.gov.au/socialmedia** għal aktar tagħrif.

# Tagħrif dwar il-pagamenti tiegħek

Int ser tirċievi 13-il pagament regolari kull 4 ġimgħat kull sena.

**Il-kalendarju tal-pagament tal-pensjoni kull 4 ġimgħat - minn Novembru 2022 sa Frar 2023**

| Id-data meta ser nibgħatulek il-pagament tiegħek | Il-klijenti li jirċievu d-depożitu dirett għandhom jirċievu l-pagament sal- | Il-klijenti li jirċievu ċekk għandhom jirċievu l-pagament sal- | Il-pagament ikopri l-perjodu |
|---|---|---|---|
| 17 ta' Novembru 2022 | 23 ta' Novembru 2022 | 7 ta' Diċembru 2022 | mill-20 t'Ottubru sas-16 ta' Novembru 2022 |
| 15 ta' Diċembru 2022 | 21 ta' Diċembru 2022 | 4 ta' Jannar 2023 | mis-17 ta' Novembru sal-14 ta' Diċembru 2022 |
| 12 ta' Jannar 2023 | 18 ta' Jannar 2023 | 1 ta' Frar 2023 | mill-15 ta' Diċembru 2022 sal-11 ta' Jannar 2023 |
| 9 ta' Frar 2023 | 15 ta' Frar 2023 | 1 ta' Marzu 2023 | mit-12 ta' Jannar sat-8 ta' Frar 2023 |
| 9 ta' Marzu 2023 | 15 ta' Marzu 2023 | 29 ta' Marzu 2023 | mid-9 ta' Frar sat-8 ta' Marzu 2023 |
| *It-Tlieta 4 't'April 2023 | 10 t'April 2023 | 24 t'April 2023 | mid-9 ta' Marzu sal-4 t'April 2023 |
| 4 ta' Mejju 2023 | 10 ta' Mejju 2023 | 25 ta' Mejju 2023 | mill-5 ta' April sat-3 ta' Mejju 2023 |
| 1 ta' Ġunju 2023 | 7 ta' Ġunju 2023 | 21 ta' Ġunju 2023 | mill-4 ta' Mejju sal-31 ta' Mejju 2023 |
| 29 ta' Ġunju 2023 | 4 ta' Lulju 2023 | 18 ta' Lulju 2023 | mill-1 ta' Ġunju sat-28 ta' Ġunju 2023 |
| 27 ta' Lulju 2023 | 02 t'Awwissu 2023 | 16 t'Awwissu 2023 | mid-29 ta' Ġunju sas-26 ta' Lulju 2023 |
| 24 t'Awwissu 2023 | 30 t'Awwissu 2023 | 13 ta' Settembru 2023 | mis-27 ta' Lulju sat-23 t'Awwissu 2023 |
| 21 ta' Settembru 2023 | 27 ta' Settembru 2023 | 11 t'Ottubru 2023 | mill-24 t'Awwissu sal-20 ta' Settembru 2023 |
| 19 t'Ottubru 2023 | 25 t'Ottubru 2023 | 8 ta' Novembru 2023 | mill-21 ta' Settembru sat-18 t'Ottubru 2023 |
| 16 ta' Novembru 2023 | 22 ta' Novembru 2023 | 06 ta' Diċembru 2023 | mid-19 t'Ottubru sal-15 ta' Novembru 2023 |
| 14 ta' Diċembru 2023 | 20 ta' Diċembru 2023 | 03 ta' Jan 2024 | mid-16 ta' Novembru sat-13 ta' Diċembru 2023 |

* Id-data tal-Pagament tressqet 'il quddiem minħabba il-vaganza Pubblika Awstraljana.
It-twassil taċ-ċekkijiet jista' jkun aktar tard minn dawn id-dati minħabba dewmien fit-tqassim tal-posta.

# Il-pagamenti ta' depożitu dirett

Fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi aħna nħallsu pensjonijiet direttament fil-kontijiet tal-bank. Aħna nħeġġu dan il-metodu ta' pagament għax hu sigur, ta' malajr u ta' min jorbot fuqu.

Jekk tirċievi l-pagament tiegħek permezz ta' depożitu dirett fil-kont tiegħek tal-bank dan ser ikun disponibbli minn 2 sa 6 ġranet wara li jinħareġ. Jekk il-pagament tiegħek ma jkunx wasal fi żmien 10 ijiem minn meta nħareġ, iċċekkja mal-bank lokali tiegħek qabel ma tikkuntattjana.

## Dati tal-għeluq tal-International Services

| L-International Services ser ikunu magħluqin fil-: | |
|---|---|
| Vaganza publika tal-Milied | 26 ta' Diċembru 2022 |
| Vaganza pubblika tal-Boxing Day | 27 ta' Diċembru 2022 |
| Il-vaganza tas-Servizz Pubbliku | 28 ta' Diċembru 2022 |
| Il-vaganza pubblika tal-Ewwel Jum tas-Sena l-Ġdida | 2 ta' Jannar 2023 |
| Il-Vaganza tal-Australia Day | 26 ta' Jannar 2023 |
| Il-Ġimgħa l-Kbira | 7 t'April 2023 |
| It-Tnejn il-Għid | 10 t'April 2023 |
| Il-ĠURNATA TAL-ANZAC | 25 t'April 2023 |

# Ir-Rati

Outside Australia pension rates u l-limiti stipulati jerġgħu jiġu evalwati mill-ġdid f'Jannar, f'Marzu, f'Lulju u f'Settembru ta' kull sena.

## Rati u limiti stipulati

Dawn iċ-ċifri f'dollaru Awstraljan (A$) huma gwida biss u huma effettivi mill-20 ta' Settembru 2022 għajr meta jingħad mod ieħor.

| Outside Australia pension rates u limiti stipulti | PERSUNA WAĦEDHA | KOPPJA t-tnejn eliġibbli | KOPPJA s-sieħeb/sieħba wieħed/waħda eliġibbli | KOPPJA separata minħabba l-mard |
|---|---|---|---|---|
| **Kemm pensjoni [1, 2, 3]** | **Kull sena** | **Kull sena** | **Kull sena** | **Kull sena kull wieħed/waħda** |
| Rata bażika massima | A$24,356.80 | A$36,722.40 | $18,361.20 | A$24,356.80 |
| Pension Supplement Bażiku | A$681.20 | A$1123.20 | A$561.60 | A$681.20 |
| **Total** | **A$25,038.00** | **A$37,845.60** | **A$18,922.80** | **A$25,038.00** |
| **Dħul Permissibbli [4]** | **Kull sena** | **Flimkien** | **Flimkien** | **Flimkien** |
| Pensjoni Sħiħa | sa A$4940.00 | sa A$8736.00 | sa A$8736.00 | sa A$8736.00 |
| Pensjoni parzjali | Inqas minn A$55,016.00 | Inqas minn A$84,427.20 | Inqas minn A$84,427.20 | Inqas minn A$108,888.00 |
| **Assi Permissibbli [5]** | **Persuna Waħedha** | **Flimkien** | **Flimkien** | **Flimkien** |
| Pensjoni sħiħa - Sid id-Dar | A$280,000 | A$419,000 | A$419,000 | A$419,000 |
| Pensjoni sħiħa - Mhux sid id-dar | A$504,500 | A$643,500 | A$643,500 | A$643,500 |
| Pensjoni parzjali - Sid id-Dar | Inqas minn A$601,000 | Inqas minn A$904,500 | Inqas minn A$904,500 | Inqas minn A$1,061,000 |
| Pensjoni parzjali - Mhux sid id-dar | Inqas minn A$825,500 | Inqas minn A$1,129,000 | Inqas minn A$1,129,000 | Inqas minn A$1,285,500 |
| **Rati kkalkulati u limiti stipulati** | **Persuna Waħedha** | **Flimkien** | **Flimkien** | **Flimkien** |
| Limitu Stipulat | A$56,400 | A$93,600 | A$93,600 | A$93,600 |
| Rati taħt il-limitu stipulat | 0.25% | 0.25% | 0.25% | 0.25% |
| Rata 'l fuq mill-limitu stipulat | 2.25% | 2.25% | 2.25% | 2.25% |

Dawn ir-rati japplikaw għall-klijenti li huma permanentement barra l-Australia jew neqsin mill-Australia għal aktar minn 6 ġimgħat.

1. Aħna naħdmu r-rata tal-pagament skont it-testijiet tad-dħul u tal-assi. Aħna napplikaw it-test li jirriżulta fir-rata aktar baxxa jew ir-rata żero. Xi assi huma meqjusa li qed jaqilgħu d-dħul u hemm regoli speċjali għal tipi oħra ta' dħul. Ma hemm l-ebda test tad-dħul jew tal-assi għall-klijenti li huma għamja permanentement.
2. Xi klijenti jistgħu jirċievu r-rata tranżitorja tal-pensjoni bbażata fuq ir-regoli tat-test tad-dħul u r-rati tal-pagamenti ta' qabel 20 ta' Settembru 2009.
3. Xi klijenti jistgħu jirċievu rata mnaqqsa tal-pensjoni bbażata fuq kemm kienu ilhom residenti Awstraljan.
4. Kull 2 ġimgħatejn, il-Work Bonus ma jqiesx sa A$300 tad-dħul mix-xogħol, jew dħul ta' min jaħdem għal rasu ġġenerat minn xogħol personali, li qalgħu pensjonanti eliġibbli li għandhom aktar mill-età tal-Age Pension għajr jekk tkun qed tirċievi l-Parenting Payment Single. Jekk id-dħul mix-xogħol tiegħek ikun inqas minn A$300, aħna nibbankjaw il-Work Bonus mhux użat sa massimu ta' A$7,800. Jekk int eliġibbli għar-rata tranżitorja, aħna ser inqabblu r-rata tranżitorja li ma fihiex Work Bonus mar-rata l-ġdida li fiha l-Work Bonus. Aħna ser inħallsu r-rata tranżitorja kulmeta tħallas ir-rata ogħla.
5. Aħna nnaqsu r-rati ta' persuna waħidha u ta' koppja magħduda bi A$3.00 kull 2 ġimgħat għal kull A$1,000 ta' assi addizzjonali ogħla mill-limitu tal-assi permissibbli. Aħna ma ninkludux ċerti assi fit-test tal-assi.

## Ir-rati internazzjonali tal-kambju huma disponibbli onlajn.

Aħna naħdmu l-ammont tal-pagament li tirċievi billi nużaw it-test tad-dħul u tal-assi. Jekk għandek assi fi, jew qed taqla' dħul minn pajjiż ieħor, aħna neħtieġu naħdmu l-valur tagħhom f'dollari Awstraljani. Biex nagħmlu dan aħna nużaw ir-rati tal-kambju. Aħna nippubblikaw t-tagħrif dwar ir-rati tal-kambju fuq sit tagħna tal-web.

Biex tiċċekkja r-rati tal-kambju mur fuq **servicesaustralia.gov.au/international**

## Żomm ruħek aġġornat mal-aħħar rati tal-pagament u tad-dati tal-pensjoni.

Għall-aħħar tagħrif dwar ir-rati tal-pensjoni u d-dati tal-pagament barra l-Awstralja mur fuq **servicesaustralia.gov.au** u fittex għal Outside Australia pension rates. Aħna naġġornaw ir-rati tal-pensjoni, u l-limiti stipulati tad-dħul u tal-assi fuq is-sit tal-web tagħna hekk kif jinbidlu.

Din in-newsletter hi disponibbli wkoll fuq is-sit tagħna tal-web f' **servicesaustralia.gov.au/customer/publications/int001**

**Ċaħda:** Il-Commonwealth tal-Australia ipprova jara li t-tagħrif f'din il-pubblikazzjoni hu preċiż. Madankollu, il-Commonwealth ma jiggarantixxix li t-tagħrif hu preċiż u anqas sħiħ u lanqas mhu ser ikun obbligat għal kwalunkwe telf li sofriet xi persuna għax qagħdet fuqu b'kwalunkwe mod. Int għandek tikkuntattja lill-Australian Government Services Australia għad-dettalji kollha rigward kwalunkwe intitolamenti u servizzi li int tista' tkun eliġibbli għalihom jew dwar kif kwalunkwe tibdil pendenti fil-leġiżlazzjoni, programmi jew servizzi jistgħu jolqtuk.

## Kif tikkuntattjana

Mur f' **servicesaustralia.gov.au** biex issib tagħrif dwar il-pagament tiegħek kif ukoll dwar il-pagamenti u s-servizzi oħra tagħna.

Ċemplilna mit-Tnejn sal-Ġimgħa, bejn it-8 am u l-5 pm ħin ta' Hobart.

It-telefonati mill-pajjiżi li ġejjin huma Freecall™. Ċempel in-numru muri mingħajr kwalunkwe kodiċi internazzjonali jew tal-pajjiż qablu.

| | |
|---|---|
| L-Awstrija Freecall™ | **0800 295 165** |
| Il-Kanada Freecall™ | **1888 2557 493** |
| Iċ-Ċina (tat-Tramuntana)* | **Freecall™ 10 800 6100 427** |
| Iċ-Ċina (tan-Nofsinhar)* | **Freecall™ 10 800 2611 309** |
| Id-Danimarka | **Freecall™ 8088 3556** |
| Il-Ġermanja | **Freecall™ 0800 180 2482** |
| Il-Greċja | **Freecall™ 0080 0611 26209** |
| L-Indja | **Freecall™ 000 800 61 01098** |
| L-Indoneżja | **Freecall™ 001 803 61 035** |
| L-Irlanda | **Freecall™ 1800 200 333** |
| L-Italja | **Freecall™ 800 781 977** |
| Ir-Repubblika tal-Koreja | **Freecall™ 003 081 32326** |
| L-Olanda | **Freecall™ 0800 0224 364** |
| In-New Zealand | **Freecall™ 0800 441 248** |
| Il-Filippini | **Freecall™ 1800 1611 0046** |
| Il-Polonja | **Freecall™ 00 800 6111 220** |
| Il-Portugall | **Freecall™ 800 861 122** |
| Is-Singapor | **Freecall™ 800 6167 015** |
| Spanja | **Freecall™ 900 951 547** |
| It-Tajlandja | **Freecall™ 001 800 611 4136** |
| It-Turkija | **Freecall™ 00 800 6190 5703** |
| L-Emirati Għarab Magħquda | **Freecall™ 800 061 04319** |
| Ir-Renju Unit | **Freecall™ 0800 169 5865** |
| Il-USA | **Freecall™ 1866 3433 086** |

* Iċ-Ċina (tat-Tramuntana) tinkludi l-provinċji ta' Beijing, Tianjin, Hebei, Shanxi, Il-Mongolja ta' Ġewwa, Heilongjiang, Liaoning, Jilin, Shandong u Henan. Aħna nqisu l-provinċji l-oħra kollha bħala ċ-Ċina (tan-Nofsinhar) għal din il-fini.

**Nota:** Freecall™ għandha mnejn ma tkunx tista' ssir minn kwalunkwe post fil-pajjiż. Għandha mnejn ma tkunx bla ħlas minn mowbajls jew telefonijiet pubbliċi. Jekk qed tuża telefown li trid tħallas għat-telefonata, int ser tiħtieġ titfa' l-muniti jew tuża kard bħal meta tagħmel telefonata lokali. Għandek mnejn ma tiħux lura l-flus fit-tmiem tat-telefonata.

Jekk tgħix f'pajjiż li mhux fil-lista, jew jekk ma tistax tuża n-numru Freecall™ illistjat, jekk jogħġbok ikkuntattjana fuq **+61 3 6222 3455**.

Int tista' tiffaksalna fuq **+61 3 6222 2799**, jew iktbilna f':

**International Services**
**PO Box 7809**
**Canberra BC ACT 2610**
**Australia**

Jekk jogħġbok inkludi ismek, Centrelink Customer Reference Number (in-Numru tar-Referenza tal-Klijent ta' Centrelink) u n-numru tat-telefown tiegħek fil-mistoqsija tiegħek.

INT001MT.2210